# Il-Bini tal-Knisja Ġdida (1)

Minn: Joseph Mizzi

**Introduzzjoni:**

Fid-data tat-28 ta' April 1688 il-knisja tal-Kunċizzjoni fil-Qala kienet il-knisja magħżula mill-Eċċellenza Tiegħu l-Isqof Baldassare Cagliares, sabiex tkun is-sedja għall-Parroċċa Ġdida li kien waqqaf għal-Lvant t'Għawdex li jinkludi l-irħula tal-Qala, in-Nadur u Għajnsielem.

Madanakollu, fl-inħawi fejn illum hemm in-Nadur, il-poplu baqa' jikber u għaldaqstant ried li huwa wkoll ikollu t-tempju tiegħu. Minkejja kollox il-kappillan Dun Bernard Haber bil-kura tal-komunità nisranija tal-Qala u tan-Nadur, tħabat mhux ftit sabiex jieħu ħsieb il-ħtiġijiet spiritwali taż-żewġt irħula kif ukoll il-bini ta' knisja ġdida fin-Nadur. Il-kappillan Haber, kellu wkoll iħabbat wiċċu ma' problemi ta' spejjeż kif ukoll in-nuqqas ta' finanzi minħabba l-faqar li kien jeżisti kullimkien. Peress li l-bini tal-knisja tan-Nadur ħa fit-tul aktar minn dak mistenni, minħabba kif għedna nuqqas ta' finanzi u għalkemm ma kinitx f'post ċentrali huwa xorta baqa' jamministra s-Sagramenti u anki jidfen lill-parruċċani fil-Knisja tal-Kunċizzjoni fil-Qala.[1]

**Sedja Trasferita:**

Fil-verità jista' jingħad ukoll li l-knisja tal-Kunċizzjoni serviet bħala s-sedja tal-parroċċa għal Lvant t'Għawdex sa ċirca s-sena 1703 fejn imbagħad il-parroċċa mill-Qala ġiet trasferita għall-knisja l-ġdida ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur. Nifhmu li l-knisja l-ġdida tan-Nadur kienet akbar u għalhekk setgħet taqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-parruċċani. Figuri miġbura fl-'iStatus Animarum'[2] li kien sar fil-parroċċi kollha t'Għawdex fis-sena 1705, jidher li f'Għawdex kollu, il-popolazzjoni kienet tlaħħaq il-5096 persuna li jinkludu rġiel, nisa u tfal. Però, il-popolazzjoni tan-Nadur f'dawk iż-żminijiet kienet ta' 532 persuna bejn irġiel, nisa u tfal. Ta' min ifakkar li dawn il-figuri ta' 532 huwa n-numru ta' persuni li kienu jattendu fi ħdan il-knisja għas-sagramenti[3]. Huwa dokumentat ukoll, li fl-1890 f'ċensiment ieħor li kien sar fir-raħal tal-Qala, instab li kien hawn komunità żgħira ta' 1,100 persuna bejn irġiel, nisa u tfal. Fatt interessanti li jissemma dettall żgħir fejn jiġi speċifikat li n-numru tad-djar abitati kien ta' 240 waħda.[4]




Kellhom jgħaddu kważi 150 sena wara, meta qrib is-sena 1855, ġie maħtur qassis biex jagħmilha ta' viċi parroku għall-komunità nisranija fil-Qala bil-fakultà wkoll li jamministra s-Sagramenti. Dan il-viċi parroku li kien maħtur kien Dun Anton Camilleri. Fil-fatt insibu dokumentat li l-ewwel sagrament tal-Magħmudija li huwa kien amministra kien seħħ fl-20 ta'Mejju tal-1855.

**Reġgħet saret Parroċċa:**

Ir-raħal tal-Qala reġa' ngħata t-titlu ta' parroċċa fl-1872, fiż-żmien meta l-ħtiġijiet tal-komunità nisranija fl-istess raħal kienu kibru u għaldaqstant ma għaddiex wisq żmien minn din il-ġrajja, għaliex f'perjodu ta' għaxar snin bit-tħabrik tal-kappillan Dun Ġużepp Diacono, il-kleru flimkien mal-parruċċani beda l-bini ta' knisja ġdida li wara kellha sservi lill-komunità Qalija. L-istess kappillan kien għamel talba f' dan is-sens, lil Isqof Mons. Antonius Grech Delicata [4a], wara biss ftit żmien li kien ilu fil-parroċċa tal-Qala wara li kien ħa l-pussess fis-26 ta' April 1881[5][6]. Fil-fatt, meta ra t-talba tal-kappillan Diacono, fl-4 ta'Ġunju 1881 waqt laqgħa fil-kurja r-Rabat Għawdex, l-Isqof approva li tinbena knisja ġdida filwaqt li appunta wkoll żewġ membri tal-kleru sabiex jaġixxu ta' prokuraturi biex jiġbru l-flus meħtieġa. It-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja u t-tberik tagħha kien sar fid-19 ta' Marzu 1882.

**Trasferiment:**

Naraw ukoll li fil-perjodu tas-seba' snin ta' wara, bejn id-19 ta'Marzu 1882 u t-18 ta' Frar 1889, il-bini tal-knisja tela' mhux ħażin u wasal fi stat li setgħet tintuża bħala knisja għall-komunità. Fil-fatt il-knisja nfetħet għall-qima fit-13 ta' Jannar 1889, [7] u saret l-ewwel quddiesa fil-ġurnata ta' wara. Għalhekk l-Isqof ta' Għawdex Mons. Giovanni Maria Camilleri li kien ilu biss ftit ġimgħat li ġie kkonsagrat Isqof t'Għawdex fit-30 ta' Marzu 1889, [8] permezz ta' digriet fis-17 ta'April 1889, approva li s-sedja tal-parroċċa tal-Qala għandha tiġi trasferita mill-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni għall-knisja ta' San Ġużepp li tinsab fiċ-ċentru tar-raħal. [8]

**Dedikazzjoni tat-Tempju:**

Minn dak li tgħid l-istorja ta' raħalna, milli jidher, hawn ukoll kienu nqalgħu xi ntoppi dwar l-għażla tad-dedikazzjoni tat-tempju l-ġdid. Inzerta li ftit tas-snin qabel, il-Papa Piju IX illum Beatu, fit-8 ta'Diċembru 1870, kien ipproklama lil San Ġużepp bħala l-Patrun Universali tal-Knisja Kattolika bid-dokument 'Quemadmodum Deus'. Għaldaqstant il-poplu flimkien mal-kleru tal-parroċċa, aktar tard urew ix-xewqa u permezz tal-Isqof t'Għawdex Ġ.M. Camilleri, f'isimhom kien għamel talba lill-Papa Iljun XIII, biex is-Sedja tal-knisja l-ġdida tkun iddedikata lil San Ġużepp. Mill-banda l-oħra, permezz ta' ordni tal-Kurja Rumana li ħasbitha b'mod differenti, ordnat li l-knisja l-ġdida għandha tiġi ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni u l-Għarus Kastissimu Tagħha San Ġużepp.

Jekk wieħed jieħu din id-data tad-19 ta' Marzu, u kif possibbilment ġiet magħżula għat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida, niftakru li dan il-jum, il-Knisja Universali kienet tiċċelebra l-mewt ta'San Ġużepp. Però minn hawn nistgħu wkoll nisiltu żewġ probabbiltajiet għar-raġuni tal-għażla ta' din id-data. Waħda li fil-parroċċa tal-Qala, it-tifkira tal-mewt ta' San Ġużepp, ir-raġel Kastissimu tal-Immakulata Kunċizzjoni, li hija wkoll il-ko-Patruna ta' dan ir-raħal għażiż tagħna kienet tagħmel sens. Waqt li t-tieni possibbiltà dwar l-għażla ta' din id-data, setgħet kienet minħabba li l-Papa Piju IX, ħdax-il sena qabel kien ħareġ Enċiklika fejn ipproklama lil San Ġużepp bħala l-Patrun tal-Knisja Universali.

**Barrieri/Ġebel:**

Meta wieħed jaħseb biex jibda jibni, ovvjament jibda jaħseb għall-materja prima li fil-każ tagħna hija l-ġebel. Ngħidu li f'dan il-każ, ma kinitx daqshekk problema fir-raħal tal-Qala u dan għaliex in-naħa tal-Lvant t'Għawdex huwa magħruf u mfittex sal-ġurnata tal-lum għall-ġebel tal-qawwi. Nafu wkoll li l-ġebla żonqrija tal-Qala hija ta' kwalità tajba ħafna u ġiet użata f'diversi proġetti kbar bħall-*breakwater* tal-port il-kbir f'Malta lejn is-sena 1903, il-*breakwater* tal-port tal-Imġarr Għawdex li sar bejn is-snin 1965 u 1975, u fiż-żmien aktar riċenti, il-ġebla qawwija tal-Qala ġiet magħżula u maħduma fi stil modern għall-Parlament il-ġdid Malti fuq il-pjanti tal-perit Renzo Piano u li nfetaħ uffiċjalment fl-4 ta' Mejju 2015.

Fil-każ tagħna, fil-proċess tal-bini tal-knisja, il-materja prima bħall-ġebel tal-qawwi li ntuża għall-pedamenti, peress li minħabba l-ebusija tiegħu mhux poruż bħal franka, kien misjub bi kwantità abbundanti fil-barrieri ta' raħalna, fl-akwata magħrufa bħala 'tal-Bajjad' li tinsab fuq ir-riħ ta' Hondoq ir-Rummien.[9] Minkejja kollox, il-bini tal-knisja mill-bidu tat-tqegħid tal-ewwel ġebla sakemm tlesta kollox, sar fuq perjodu ta' 71 sena, jiġifieri bejn is-sena 1882 u 1953. Ngħidu li fuq kollox u b'ħafna sagrifiċċji, il-poplu tal-Qala ħadem u stinka għalenija sabiex jibni dan it-tempju tiegħu li llum huwa l-ġawhra ta raħalna l-Qala.[11]



**Post tal-Bini:**

Bħal kull ħaġa oħra, jinbet il-ħsieb u l-mistoqsija dwar fejn kien ser ikun il-post fejn għandha tinbena l-knisja l-ġdida tar-raħal. Huwa ovvju li l-post magħżul kellu jkun wieħed ċentrali u għalhekk l-aħjar biċċa art fiċ-ċentru tal-Qala, kienu għelieqi fl-inħawi magħrufa bħala 'tas-Salib' li kienu proprjetà tal-patrijiet Agostinjani.[12]

**Rieda Soda:**

Fil-Qala l-kappillan il-ġdid Dun Ġużepp Diacono, sab kleru u poplu li wera xewqa soda li jibni knisja ġdida. Il-kappillan stess li kellu kapaċità ta' Perit, għamel l-ewwel pjanta filwaqt li minnufih bdew jaħsbu biex isibu l-imgħallem u l-ħaddiema rġiel tas-sengħa fl-arti tal-bini li jkunu jistgħu jwettqu dan ix-xogħol. Kif kien ġie dokumentat dak iż-żmien, l-ewwel persuna li kellha tmexxi cioe' li tieħu ħsieb il-bini tal-knisja ma kien ħadd ħlief l-imgħallem Franġisk Portelli.[13]

Nifhmu li kull meta jkunu ser isiru proġetti kbar bħal fil-każ tagħna, bini ta' knisja ta' raħal, il-poplu ma jonqosx milli jgħaddi l-kummenti tiegħu fejn joħorġu l-ideat u s-suġġerimenti varji. Fi kliem ieħor, kulħadd jikkummenta kif jara l-ħaġa mil-lenti tiegħu. Min-naħa l-oħra l-isqof tad-Djoċesi kien ħatar żewġ membri tal-kleru bħala prokuraturi li kienu Dun Franġisk Buttiġieġ u Dun Pawl Mizzi. Min-naħa tagħhom, huma għamlu l-almu tagħhom possibbli fejn żaru diversi knejjes f'Malta u Għawdex biex setgħu jiffurmaw l-aħjar idea dwar il-bini u t-tiżjin bħala lavur tal-knisja l-ġdida.

**L-ewwel ġabra:**

Il-prokuraturi hawn imsemmija, kienu għamlu l-ewwel ġabra fost il-poplu tal-Qala, li għalkemm ma kienx issemma r-rendikont tas-somma miġbura, jidher li ma kinitx waħda kbira minħabba li l-istat soċjali ta' dak iż-żmien ma kienx wieħed tajjeb u kien hawn il-faqar. Però min-naħa tiegħu, il-kappillan Dun Ġużepp Diacono ma qagħadx lura u lanqas qata' qalbu u minkejja kollox huwa għadda s-somma ta' ħames mitt skud bħala self sabiex ikun jista' jibda u jitkompla l-bini tal-knisja l-ġdida.

Hekk naraw li fi proġetti bħal dawn, l-ispejjeż ikunu kbar ukoll. Biżżejjed ngħidu li fl-ewwel xahar tas-sena 1882, il-flus miġbura kienu ntefqu fi ħlasijiet għal xogħol ta' tħaffir ta' pedamenti kif ukoll għal xiri ta' ġebel. Però sal-ewwel tliet xhur tas-sena, ix-xogħol fil-pedamenti kien avanzat tant li waslu biex ipoġġu l-ewwel ġebla tal-knisja. Din ġiet uffiċjalment impoġġija fil-festa tant għażiża għalina l-Qalin, dik tad-19 ta' Marzu 1882.

Allura ftit jista' jibqa' dubju li permezz ta' dawn iż-żewġ ċirkostanzi li kkontribwew mhux ftit għall-għażla tad-dedikazzjoni tal-knisja tagħna. Għal din l-okkażjoni ta' tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja, kif kien xieraq ġie mistieden l-Isqof tad-Djoċesi t'Għawdex Mons. Pietro Pace li wara ċ-ċerimonja tat-tberik tal-ġebla, sar diskors tal-okkażjoni minn Dun Ġużepp Zammit, qassis, oratur ferm abbli, lill-ġemgħa Qalija miġbura fil-misraħ fejn sar dan id-diskors.

**Ħaddiema u l-ħlas tagħhom:**

Nibda billi ngħid li l-flus li kienu fiċ-ċirkolazzjoni dak iż-żmien għall-aħħar tad-dsatax-il seklu, insibu li kien għad hemm l-iskudi, it-tari u l-grani. Naraw ukoll kif l-ewwel ħlas li kien sar lill-ħaddiema involuti fil-bini tal-knisja, kien sar nhar il-festa tal-Lunzjata jiġifieri fil-25/03/1882. Irridu ngħidu li dawn il-ħaddiema ġew imħallsa għal xogħol li kienu ġa għamlu fil-pedamenti tal-knisja fil-perjodu sa mill-ewwel ġimgħa ta' Jannar 1882.[14]

Hawn ma rridu bl-ebda mod ninsew is-sehem għaqli tan-nisa fil-għajnuna li taw, billi kienu ssieħbu fi gruppi sabiex ikunu jistgħu jġorru l-ilma flimkien minn spejjer fil-qrib għal fuq il-lant tax-xogħol. Peress li ma kienx hemm spiera fil-qrib fejn kien qed isir il-bini tal-knisja, nibet il-ħsieb li titħaffer waħda biex tiffaċilità li jinġieb ilma mill-qrib, iżda t-tentattiv li sar u bl-għodda ta' dak iż-żmien, il-blat iebes tal-inħawi, għamilha diffiċli u impossibbli li titħaffer spiera fil-qrib.

**Xogħol nhar ta' Ħadd:**

Għan-nies ta' dak iż-żmien, l-osservanza ta' Jum il-Ħadd kienet waħda rigoruża, però f'ċirkostanzi bħal dawn, il-knisja kienet tħeġġeġ sabiex il-parruċċani jagħtu ftit sigħat ta' xogħol b'risq il-bini tal-knisja anki jekk kien ikun il-Ħadd. Hawn infakkar fil-qawl Malti li jgħid: 'li għal kull regola hemm eċċezzjoni' u hekk kien qed isir f'dan il-każ ukoll. Żgur u mhux forsi, l-antenati tagħna fil-Qala għamlu ħilithom u dak kollu li setgħu biex ikomplu, anzi jlestu l-bini tal-knisja. Min-naħa l-oħra nistgħu ngħidu li l-prokuraturi Dun Pawl Mizzi u Dun Franġisk Buttigieg lanqas qagħdu lura u stinkaw kemm felħu biex jiġbru flus kemm mir-raħal, minn irħula Għawdxin u minn xi parroċċi f' Malta wkoll. Dan ix-xogħol kollu sar sabiex ma jiqafx il-bini, kollox jibqa' sejjer u ovvjament ikun hemm flus biżżejjed għall- ħlasijiet.



**Diżgwid:**

Bħal kull ħaġa oħra, xi ftit tad-diżgwid u dubju dejjem jidħol meta jkunu qed isiru proġetti kbar bħal fil-każ tal-knisja tagħna. Nifhmu li dan id-diżgwid kien inqala' wara li fil-bini kien hemm kolonni (x'aktarx tal-korsija) li ħasbu li ma kinux jifilħu għall-ħnejjiet tas-saqaf. Dakinhar xi ħadd kien informa lill-Isqof tad-Djoċesi Mons. Pietro Pace b'dan kollu, fejn min-naħa tiegħu daħal fil-problema, għaraf li din kienet kwistjoni ta' natura teknika u għalhekk kien ordna li jissejjaħ perit fuq il-post.

L-arkitett kien għamel żjara lill-knisja li kienet għadha fil-bidu fi stat ta' kostruzzjoni fejn wara li ra b'għajnejh il-bini, huwa ddeċieda li l-kolonni kienu b'saħħithom biżżejjed sabiex jifilħu l-piż tal-ħnejjiet tal-bejt. Min-naħa l-oħra, peress li kien hemm id-dubju li l-kolonni ma kinux jifilħu l-ħnejjet tas-saqaf, kienu ġa nxtraw travi tal-ħadid. Però wara li l-perit iddeċieda li l-kolonni kienu tajba u jifilħu għall-piż, dawn l-istess travi ġew użati fil-knisja ta' San Lawrenz li dak iż-żmien kienet qiegħda wkoll fi stat inizzjali ta' kostruzzjoni.[15] ■

*L-Artiklu jissokta fil-ħarġa li jmiss:*


Referenzi:

(1) In-Nadur vol 1, Pġ. 156)
(2) Riċerka dwar persuni fi ħdan il-knisja li jersqu għas-Sagramenti
(3) In-Nadur Vol.1, ara nota 38,Pġ. 155)
(4) K.Q. P. 29.
(4a) Dati ingress tal-Isqof Mons Antonius Grech Delicata
(5) K.Q. P. 4.
(6) Il-Qala ta D. L. Theuma P. 51.
(7) K.Q. P.20.
(8) Mons G.M Camilleri ħa l-pussess tad-Djoċesi fit-30 ta'Marzu 1889.
(9) K.Q. P. 4, 9.
(10) K.Q. P. 9.
(11) Il-Qala. P. 37.
(12) K.Q. P .2.
(13) K.Q. P. 8.
(14) K.Q. P. 11.
(15) K.Q. P. 15.